

**Brussell, 16 ta' Settembru 2025
(OR. en)**

12860/25

COH 174	ENV 842
CLIMA 340	ENER 441
CADREFIN 192	COMPET 877
POLGEN 143	AGRI 421
PECHE 269	JEUN 210
POLMAR 55	MI 657
ECOFIN 1172	RECH 388
EMPL 405	SOC 612
SUSTDEV 67	TRANS 384
EDUC 358	MIGR 293

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 12369/25 + COR 1

Suġġett: Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali tal-UE
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Settembru 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali tal-UE, kif approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fl-4116-il laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Settembru 2025.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar

Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali tal-UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' B'SODISFAZZJON il-ħames rapport dwar l-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali tal-UE ppreżentat mill-Kummissjoni fit-13 ta' Mejju 2025¹;
- (2) IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2023 dwar ir-raba' rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE ("Strateġiji") tad-9 ta' Diċembru 2022;
- (3) JIRRIKONOXXI r-rwol siewi tal-Istrateġiji fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni, il-fiduċja, il-preparatezza u r-reżiljenza b'mod partikolari fid-dawl tal-isfidi ġeopolitiċi u ambjentali attwali. JISTIENEN lill-pajjiżi parteċipanti jsaħħu t-tmexxija politika u s-sjieda tagħhom tal-Istrateġiji;
- (4) JIEĦU NOTA tar-rieżami konkluż reċentement tal-pjan ta' azzjoni tal-Istrateġija għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku sabiex jiġu aġġornati l-oġġettivi tagħha wara għaxar snin ikkaratterizzati minn diversi kriżijiet, b'mod partikolari l-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. JILQA' l-introduzzjoni tal-pilastru soċjali l-ġdid u t-tkabbir tal-UE bħala suġġett orizzontali tal-Pjan ta' Azzjoni rivedut;
- (5) JIRRIKONOXXI l-ħtieġa espressa mill-Kummissjoni li l-Istrateġiji jadattaw b'mod kostanti għal ambjent li qed jinbidel u għal ħtiġijiet u sfidi emerġenti ġodda fl-oqsma rispettivi tagħhom, u JINKORAĠĠIXXI l-aġġustament tal-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istrateġiji fejn adatt;

¹ 8906/25 + ADD 1.

- (6) JAQBEL mal-ħtieġa identifikata li l-Istrateġiji, fejn adatt, iżidu aktar enfasi fuq il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u t-tranżizzjoni ġusta tal-enerġija, kif ukoll li jżidu enfasi fuq ir-reżiljenza u s-sigurtà, u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tiffaċilita tali proċess. Bl-istess mod, JENFASIZZA l-ħtieġa li tingħata attenzjoni lit-tranżizzjoni demografika;
- (7) JIRRIKONOXXI s-sejbiet tar-rapport u r-rwol tal-Istrateġiji fl-avvanz tat-tranżizzjoni ekoloġika. IĦEĠĠEĠ aktar kontributi tal-Istrateġiji għat-tranżizzjonijiet diġitali u ġusti u aktar sforzi biex tinżamm il-kompetittività tal-UE, filwaqt li tiġi żgurata kwalità ta' ħajja tajba għan-nies fl-Ewropa;
- (8) JIRRIKONOXXI r-rwol tal-Istrateġiji bħala strumenti ewlenin għat-tagħlim reċiproku, l-iskambju tal-għarfien u l-kooperazzjoni istituzzjonali bejn l-UE, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi terzi. JENFASIZZA l-possibbiltà li l-Istrateġiji joffru lill-pajjiżi kandidati biex jaħdmu fuq l-istess livell mal-Istati Membri tal-UE, u b'hekk jaċċelleraw il-proċess ta' fehim u adattament tal-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-acquis tal-UE, jibnu l-kapaċità amministrattiva fuq diversi politiki tal-UE, inkluż il-politika ta' koeżjoni u l-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża, u jappoġġaw il-proċess tat-tkabbir;
- (9) JAPPREZZA l-inizjattivi li ttieħdu għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-pajjiżi li jipparteċipaw fl-Istrateġiji u l-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, li jappoġġaw it-triq tagħhom lejn l-adeżjoni mal-UE. JAPPREZZA b'mod partikolari l-appoġġ muri minn Frar 2022 lill-Ukrajna u lir-refuġjati Ukreni u l-azzjonijiet konkreti meħuda f'dan ir-rigward;
- (10) JIRRIKONOXXI l-kontribut tal-Istrateġiji għat-tfassil tal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet speċifiċi tar-reġjuni parteċipanti, f'konformità mal-oġettivi tal-politika ta' koeżjoni, u mal-approċċ ibbażat fuq il-post, kif ukoll ir-rwol tal-Istrateġiji biex jitnaqqas id-distakk bejn l-azzjonijiet lokali u reġjonali, u l-prijoritajiet politiċi Ewropej;

- (11) JIRRIAFFERMA l-importanza ta' titjib kontinwu tal-istrutturi ta' appoġġ għall-governanza u l-kapaċità amministrattiva kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak sottonazzjonali, u tal-appoġġ kontinwu għall-governanza u l-kapaċità amministrattiva mill-Kummissjoni u s-servizzi rilevanti tagħha. JIRRIAFFERMA l-ħtieġa tal-aħjar użu tar-riżorsi finanzjarji eżistenti, użu aħjar tal-istituzzjonijiet eżistenti u implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni attwali, abbażi tat-tliet prerekwiżiti għal dawn l-Istrateġiji;
- (12) JINKORAĠĠIXXI l-parteċipazzjoni stabbli u l-involvement sħiħ tal-partijiet ikkonċernati fil-gruppi kollha rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Istrateġiji. JIRRIAFFERMA f'dan ir-rigward l-importanza li l-implimentaturi tal-Istrateġiji jingħataw mandati ċari, kapaċità effettiva ta' teħid ta' deċiżjonijiet u viżjoni ċara li tqiegħed il-ħidma tagħhom fil-kuntest politiku usa' fil-pajjiżi parteċipanti tal-Istrateġiji u fl-UE;
- (13) JINKORAĠĠIXXI azzjonijiet konkreti biex jiġi ffaċilitat l-involvement attiv tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunitajiet lokali, iż-żgħażaġh, l-akkademja u n-negozji fl-implimentazzjoni tal-Istrateġiji. JAPPOĠĠA l-ħidma tal-istrutturi makroreġjonali taż-żgħażaġh;
- (14) JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE fl-isforzi tagħhom biex jipparteċipaw fl-Istrateġiji u JENFASIZZA l-impenn ta' livell għoli tal-Kummissjoni, li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal direzzjoni strateġika effettiva fit-tul u l-irbit b'mod effettiv tal-ħidma tal-Istrateġiji mal-prijoritajiet tal-UE;
- (15) JAPPREZZA li l-possibbiltajiet ipprovduti bl-inkorporazzjoni tal-Istrateġiji kemm fil-programmi rilevanti tal-politika ta' koeżjoni kif ukoll fil-programmi ġestiti direttament mill-Kummissjoni qed jiġu użati gradwalment, xi ħaġa li tippermetti l-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-Istrateġiji. JIRRIKONOXXI l-kontribut speċjali tal-programmi INTERREG fil-proċess ta' inkorporazzjoni; JISTIEDEN lill-Istrateġiji nfushom, lill-awtoritajiet ta' ġestjoni u lill-Kummissjoni biex ikomplu jiffaċilitaw dan il-proċess ta' inkorporazzjoni matul il-perjodu kollu ta' finanzjament;

- (16) JIRRIKONOXXI l-ħidma kontinwa li qed titwettaq biex jiġu stabbiliti sistemi effettivi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-Istrateġiji, inkluż permezz ta' aġġornamenti għall-pjanijiet ta' azzjoni, u JILQA' l-ħidma tal-istrutturi u l-unitajiet ta' appoġġ tekniku tal-Istrateġiji rilevanti fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Istrateġiji. JILQA' wkoll inizjattivi bħal dik taħt il-programm Interact Interreg li għandhom l-għan li jappoġġaw dik il-ħidma;
- (17) JAPPREZZA l-attivitajiet ta' komunikazzjoni msaħħa kemm fil-livell speċifiku tal-Istrateġija kif ukoll f'avvenimenti komuni. JENFASIZZA fl-istess ħin l-importanza li titkompla l-implimentazzjoni tal-komunikazzjoni strateġika u li jiżdied aktar l-għarfien mill-pubbliku dwar il-programmi u l-istrateġiji prinċipali u l-viżibbiltà tal-impatt u r-risultati tagħhom;
- (18) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tirrieżamina l-progress fl-oġġettivi strateġiċi u operazzjonali deskritti f'dawn il-konklużjonijiet fir-rapport li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji sa tmiem l-2027.
-